**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Settembru 2018**

Kawza Numru: 12/2018MS

Go plc (C22334)

vs

Rudi Mataj (KI 16175G) u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2018 gie nominat Dr. Kevin Mompalao bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta l-eredita' giacenti ta' Rudi Mantaj

It-Tribunal

Ra l-avviz prezentat fil-21 ta' Marzu 2018 fejn is-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal jikundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elf tmien mija u disgha u sebghin Euro u sitt centezmi (€1879.06) in konnessjoni ma servizzi provduti fuq il-kont numru 40590630.

Ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta attrici mal-avviz tat-talba. (Dok A, B, C.).

Ra illi l-konvenut miet fil-mori ta' dawn il-proceduri u b'digriet ta' dan it-Tribunal tat-30 ta' Mejju 2018 l-avukat Dr. Kevin Mompalao gie mahtur bhala Kuratur Deputat biex jirraprezenta l-eredita' giacenti tal-imsemmi Rudi Mantaj.

Ra illi il-Kuratur Deputat fuq imsemmi ipprezenta eccezzjonijiet fl-1 ta' Gunju 2018 fejn ecepixxa illi ma kienx edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u irrizerva li jirrispondi ulterjorment fil-kaz li jkollu tali informazzjoni u jirrimetti ruhu ghal provi migjuba.

Ra illi fl-udjenza tal-1 ta' Gunju dehret Miriam Curmi ghas-socjeta' attrici fejn infurmat lil dan it-Tribunal li l-ammont mitlub ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra illi fl-istess verbal il-kuratur deputat informa lit-Tribunal li l-kawza setghet tmur ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

Ra l-atti kollha tal-process

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din it-talba, s-socjeta attrici qieghda titlob il-hlas tas-somma ta' €1879.06 in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni provduti minnha lill-konvenut.

Illi fis-seduta mizmuma nhar l-1 ta' Gunju 2018, ir-rapprezentanta tas-socjeta GO p.l.c., kkonfermat bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta attrici kien ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur

ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad il-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm il-konvenut miet fil-mori ta' dawn il-proceduri, Dr. Kevin Mompalao gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta l-wirt battal tal-konvenut. Il-Kuratur Deputat gie debitament notifikat b'dawn il-proceduri u ressaq l-eccezzjonijiet tieghu fl-1 ta Gunju 2018.

Illi fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2018 is-socjeta attrici gabet i-prova illi l-ammont mitlub ghadu dovut fl-intier tieghu. Il-Kuratur Deputat irrimetta ruhu ghal provi u ma sabx oggezzjoni li l-kawza tmur ghas-sentenza.

Illi ma hemm l-ebda ostakolu ghal prolazzjoni ta' din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi, fuq l-iskorta tal-provi migjuba, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna l-eredita' giacenti tal-mejjet Rudi Mantaj, thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u disgha u sebghin Euro u sitt centezmi (€1879.06) bl-imghaxijiet legali kif mitluba mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficnali tat-30 ta' Ottubru 2017. Spejjez kontra l-konvenuta eredita' gjacenti ta' Rudi Mantaj.

Dr Michela Spiteri LL.D
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*